Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,291, 30 ta' Lulju, 2024

Taqsima B

A.L. 175 tal-2024

ATT DWAR IR-RIKONOXXIMENT REĊIPROKU TA' KWALIFIKI (KAP. 451)

Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kondizzjonijiet Minimi ta' Taħriġ dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 8 tal-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki, il-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kondizzjonijiet Minimi ta' Taħriġ dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Kondizzjonijiet Minimi ta' Taħriġ dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali".

L.S. 451.04.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li jittrasponu l-Artikolu 28 tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fis-subregolament (1) tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "l-Artikoli 24, 25, 31, 34, 35, 40 u 44" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Artikoli 24, 25, 28, 31, 34, 35, 40 u 44".

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi miżjud dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Taħriġ speċifiku fil-prattika medika ġenerali.

10. (1) Id-dħul għal taħriġ speċifiku fil-prattika medika ġenerali għandu jkun kontinġenti mit-tlestija u l-validazzjoni ta' sitt (6) snin ta' studju bħala parti minn programm ta' taħriġ imsemmi fir-regolament 8:

Iżda fejn il-programm ta' taħriġ imsemmi fir-regolament 8 jinkludi taħriġ prattiku mogħti minn sptar approvat li jkollu tagħmir u servizzi mediċi ġenerali xierqa jew bħala parti minn prattika medika ġenerali approvata jew ċentru approvat li fih it-tobba jipprovdu kura medika primarja, it-tul ta' żmien ta' dak it-taħriġ prattiku jista', sa massimu ta' sena, ikun inkluż fil-perjodu msemmi f'dan is-subregolament, għal ċertifikati ta' taħriġ maħruġa fl-1 ta' Jannar 2006 jew wara.

(2) It-taħriġ speċifiku fil-prattika medika ġenerali li jwassal għall-għoti ta' prova ta' kwalifiki formali maħruġa qabel l-1 ta' Jannar 2006 għandu jkun għal tul ta' żmien mhux inqas minn sentejn (2) fuq bażi full-time. Fil-każ ta' prova ta' kwalifiki formali maħruġa wara dik id-data, it-taħriġ għandu jkun għal tul ta' żmien mhux inqas minn tliet (3) snin fuq bażi full-time:

Iżda l-għażla pprovduta f'dan is-subregolament għandha tkun disponibbli biss għall-Istati Membri li fihom it-taħriġ speċifiku fil-prattika medika ġenerali dam sentejn (2) mill-1 ta' Jannar 2001.

(3) It-taħriġ speċifiku fil-prattika medika ġenerali għandu jsir fuq bażi full-time taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti. L-imsemmi taħriġ għandu jkun aktar prattiku milli teoretiku:

Iżda t-taħriġ prattiku għandu:

(a) jingħata, min-naħa l-waħda, għal mill-inqas għal sitt (6) xhur fi sptar approvat li jkollu tagħmir u servizzi xierqa u, min-naħa l-oħra, għal mill-inqas għal sitt (6) xhur bħala parti ta' prattika medika ġenerali approvata jew ċentru approvat fejn it-tobba jipprovdu kura medika primarja;

(b) isir flimkien ma' stabbilimenti tas-saħħa jew ma' strutturi oħra li għandhom x'jaqsmu max-xogħol tal-mediċina ġenerali. Bla ħsara għall-perjodi minimi stabbiliti fis-subregolament (2), madanakollu, it-taħriġ prattiku jista' jingħata matul perjodu ta' mhux aktar minn sitt (6) xhur fi stabbilimenti approvati jew strutturi tas-saħħa oħra li għandhom x'jaqsmu max-xogħol tal-mediċina ġenerali; u

(ċ) jeħtieġ il-parteċipazzjoni personali tat-trainee fl-attività u r-responsabbiltajiet professjonali tal-persuni li qed jaħdem magħhom.

(4) Il-ħruġ ta' prova ta' kwalifiki formali fil-prattika medika ġenerali għandhom ikunu soġġett għall-pussess ta' prova ta' kwalifiki formali f'taħriġ mediku bażiku msemmi fil-punt 5.1.1 tat-Tieni Skeda li jinsab mal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa.

Kap. 464.

Kap. 464.

(5) Prova tal-kwalifiki formali msemmija fil-punt 5.1.4 tat-Tieni Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa tista' tinħareġ lil tabib li ma jkunx temm it-taħriġ provdut f'dan ir-regolament iżda li jkun temm taħriġ supplimentari differenti, kif attestat mill-prova ta' kwalifiki formali maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru. Dawn ma jistgħux madanakollu, jagħtu prova ta' kwalifiki formali jekk dan ma jattestax għarfien ta' livell ekwivalenti fil-kwalità għall-għarfien miksub mit-taħriġ provdut f'dan ir-regolament:

Iżda l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw, *inter alia*, sa liema punt it-taħriġ kumplimentari u l-esperjenza professjonali diġà miksuba mill-applikant jistgħu jissostitwixxu t-taħriġ provdut f'dan ir-regolament:

Iżda wkoll l-Istati Membri jistgħu joħorġu biss il-prova ta' kwalifiki formali msemmija fil-punt 5.1.4 tat-Tieni Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa jekk l-applikant ikun kiseb mill-inqas sitt (6) xhur esperjenza fil-mediċina ġenerali fi prattika tal-mediċina ġenerali jew f'ċentru fejn it-tobba jipprovdu kura medika primarja tat-tipi msemmija fis-subregolament (3).".

Kap. 464.